DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-26 ta' April 2004

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Europea

(2006/456/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 44(2), l-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 47(2), u l-Artikoli 55, 57(2), 71, 80(2), 93, 94, 133 u 181a, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att anness mat-Trattat ta' l-Adeżjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) It-8 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, sabiex tinnegozja mal-Federazzjoni Russa Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni li jieħu kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea, u li jipprovdi għal ċerti aġġustamenti tekniċi marbuta ma' l-iżviluppi istituzzjonali u legali fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

(2) Suġġett għall-konklużjoni eventwali tiegħu f'data aktar tard, il-Protokoll ġie negozjat bejn il-Partijiet u issa għandu jiġi ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

(3) Il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mid-data ta' l-Adeżjoni, u dan sa meta jitlestew il-proċeduri relevanti għall-konklużjoni formali tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa jiffirmaw, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja, tar-Repubblika Slovakka u tar-Repubblika ta' l-Ungerija ma' l-Unjoni Ewropea, suġġett għall-konklużjoni eventwali tiegħu fi stadju aktar tard.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni ([1]).

Artikolu 2

Sa meta jidħol fis-seħħ, il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mid-data ta' l-Adeżjoni.

Magħmul fi Brussel, nhar is-26 ta' April 2004.

Għall-Kunsill
Il-President
U. PLASSNIK

([1]) Ara paġna 17 ta' dan il-Ġurnal Uffiċċjali.